# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 877/2001**

**Numru28**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Canina Enterprises Limited u Patrick Gaffiero**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta u tal-konvenut in solidum bejniethom ghall-hlas ta' Lm3,000.00,0 (tlett elef lira maltin) u tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma addizzjonali ta' Lm1198.86 (elf mija u tmienja u disghin lira u sitta u tmenin centezmu) rapprezenanti bilanc minn somma akbar mislufa mill-bank attur lis-socjeta konvenuta in forza ta' facilita ta' overdraft numru 64 127 8262 gia numru 064-023534-001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-1 ta' Marzu 2000 u bl-imghax legali in kwantu kontra l-konvenut Patrick Gaffiero fuq is-somma ta' Lm3,000 b'effett mill-4 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament u in kwantu kontra s-socjeta konvenuta fuq is-somma ta' Lm4198.86 b'effett mit-22 ta' Marzu 1999 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili) kif ukoll dik ghas-subizzjoni tal-konvenut skond l-istess artikoli gja citati (ara fol 12 u fol 20 rispettivament tal-istess atti).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenut u s-socjeta konvenuta naqsu u ma dehrux fis-7 ta' Jannar 2002 u fis-17 ta' Gunju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli msemmija u lanqas fit-22 ta' Mejju 2002 u fis-26 ta' Gunju 2002, in-Noti tal-Mistoqsijiet jisthoqq li jkunu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut u lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallsu lis-socjeta attrici 'in solidum'

bejniethom s-somma ta' Lm3,000.00,0 u lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta attrici s-somma addizzjonali ta' Lm1198.86,0 bl-imghax legali in kwantu kontra l-konvenut Patrick Gaffiero s-somma ta' Lm3,000.00,0 b'effett mill-4 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u in kwantu kontra s-socjeta konvenuta fuq is-somma globali ta' Lm4,198.86,0 b'effett mit-22 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-1 ta' Marzu 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur